*Self; Uzura; Kambjali;*
*Artikoli 985,986 (2), 987 u 1842 et sequens tal-Kodici Civili*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 5**

**Citazzjoni Numru 1101/05 TA**

**Raymond (ID 315167M) u Claire (ID 239568M) konjugi Bajada**

**vs**

**Stanley (ID 29150 M) u Jane (ID 402052M) konjugi Castillo**

**Il-Qorti:**

Rat ic-Citazzjoni tal-Atturi prezentata fis-16 ta' Novembru 2005 u mahlufa minn Raymond Bajada fl-istess data li permezz taghha ppremettew u talbu s-segwenti:-

"Peress illi fil-bidu tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995), l-attur Raymond Bajada issellef l-ammont ta' ghaxart elef lira Sterlina (£10,000) minghand il-konvenut Stanley Castillo;

Peress illi l-imsemmi konvenut sellef dawn il-flus lill-attur permezz ta' *bank draft* datat tmintax (18) ta' April 1995 liema bank draft gie mahrug fuq il-kont tal-konvenuti mil-Lombard Banking (Jersey) Limited, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB1;

Peress illi l-konvenut Stanley Castillo talab lill-attur sabiex iroddlu lura s-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) a saldu ta' l-ammont dovut ta' ghaxart elef lira Sterlina (£10,000) dak il-hin stess illi tali ammont gie misluf;

Peress illi l-attur ma kienx fil-posizzjoni li jhallas dan l-ammont immedjatament u ghaldaqstant il-konvenut gharrfu illi l-ammont dovut ser jizdied b'ghoxrin fil-mija (20%) fix-xahar;

Peress illi l-attur baqa' ma hallasx l-ammont dovut;

Peress illi f'Gunju tas-sena 1995 l-attur ipoteka d-dar matrimonjali "Clar-De-Lun", Triq San Mattew, Qrendi, a favur tal-konvenut Stanley Castillo, ghall-ammont ta' hmistax-il elef u hames mitt lira Maltin (Lm15,500) permezz ta' att ippubblikat min-nutar John Spiteri, liema att gie ffirmat mill-attur kemm f'ismu *proprio* kif ukoll f'isem il-mara tieghu Claire Bajada, permezz ta' prokura;

Peress illi l-ammont mitlub mill-konvenut Stanley Castillo baqa' jizdied minhabba imghax bir-rata ta' ghoxrin fil-mija (20%) fix-xahar hekk kif jidher mill-kalkolazzjoni maghmula mill-istess konvenut, bil-kaligrafija tieghu stess, hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB2;

Peress illi fi Frar tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) l-attur gie nfurmat illi kien ser jinhareg mandat kontra tieghu ghal gbir ta' l-ammont allegatament dovut lill-konvenuti;

Peress illi sabiex jevita l-hrug ta' dan il-mandat u taht biza u pressjoni, l-attur iffirma *cheque* pagabbli lil Stanely Castillo ta' sittax-il elf u sitta u tletin lira Maltin (Lm16,036);

Peress illi c-*cheque* ma giex onorat mill-Bank u l-konvenut ghamel rapport ghand il-Pulizija li hadu passi kriminali kontra l-attur;

Peress illi l-attur, permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tletin (30) ta' Settembru, 1997 (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB 3) instab hati talli kkommetta frodi ai termini tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u gie kkundannat ghal sena prigunerija sospiza ghal erba' snin;

Peress illi dak iz-zmien l-uzura ma kenitx tikkostitwixxi reat kriminali;

Peress illi mit-tmintax (18) ta' April, 1995 sa Settembru 1995 l-attur ma affettwa l-ebda pagament fuq l-ammont dovut lill-konvenut;

Peress illi fil-hdax (11) ta' Novembru 1999 l-attur hallas is-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000) sabiex tigi kkancellata l-ipoteka li kienet tiggrava fuq id-dar matrimonjali (kopja ta' l-ircevuta hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB 4);

Peress illi din l-ipoteka giet ikkancellata totalment permezz ta' att pubbliku, datata il-hdax (11) ta' Novembru 1999, ppubblikat minn Nutar Mario Bugeja, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB5;

Peress illi l-attur kienu mgieghla, permezz ta' qerq u vjolenza morali kontra taghhom u kontra hwejjighom, jiffirmaw sitt (6) kambjali pagabbli lill-konvenuti rapprezentanti l-import komplessiv ta' sittax-il elf u ghoxrin lira Maltin (Lm16020), kopji ta' liema kambjali qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok RB 6; Dok RB 7; Dok RB 8; Dok RB9; Dok RB10 u Dok RB11;

Peress illi l-kunsens ta' l-atturi moghti fuq dawn il-kambjali huwa null u bla effett stante il-fatt illi tali kunsens ittiehed bi vjolenza, theddid u pressjoni tali li impressjonathom u bezzghethom illi huma nnifishom, membri tal-familja taghhom u/jew hwejjighom kienu ser jitqeghdu f'perikolu serju;

Peress illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tnejn mill-imsemmija kambjali (hawn annessi u mmarkati bhala Dok RB 6 u Dok RB7) rappresentanti l-ammont komplessiv ta' sitt elef lira Maltin (Lm6000) mmaturaw fit-tmienja (8) ta' Frar, 2000 u fit-tmienja (8) ta' Mejju, 2000 rispettivament u ghaldaqstant huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 542 tal-Kap. 13;

Peress illi l-atturi, permezz ta' ittra ufficjali datata hmistax (15) ta' Gunju 2005 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok RB 12), gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas ta' sittax-il elf seba mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm16,776) rapprezentanti l-import tas-sitt (6) kambjali kif ukoll l-imghax illi ddekorra mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjali;

Peress illi l-atturi kkontestaw din l-ittra ufficjali permezz ta' rikors intavolat ai termini ta' l-artikolu 253 (e) tal-Kap 12, liema rikors gie michud permezz ta' digriet tal-24 ta' Lulju 2005, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB 13, liema digriet gie moghti minghajr ma giet indagata l-veracita` tal-fatti esposti fir-risposta ta' l-atturi;

Peress illi fl-ewwel (1) ta' Novembru, 2005 inhareg mandat ta' qbid, kontra l-atturi, bin-numru 1693/05 JB, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB 14;

Peress illi l-atturi gew infurmati mill-Bank illi nhareg mandat ta' sekwestru kontra taghhom, liema mandat ghadu ma giex lilhom notifikat;

Peress illi hemm investigazzjonijiet kriminali ghaddejjin kontra l-konvenut mill-Economic Crime Unit fuq rapport li sar mill-attur nhar it-12 ta' Novembru, 2005, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok RB 15;

Peress illi bl-emendi tal-Kap. 9 permezz ta' l-Att III ta' l-2002, l-uzura huwa illum reat kriminali;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikkjara illi l-kambjali ffirmati mill-atturi huma affetti minn uzura adoperata kontra l-atturi;

2. Tiddikkjara illi l-istess kambjali huma vizzjati minn vjolenza u qerq uzati mill-konvenut fil-konfront ta' l-atturi;

3. Tiddikkjara illi l-kambjali huma nulli u bla effett ghall-kull fini u effetti tal-ligi;

4. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi in ogni caso kull azzjoni li setghet kienet spettabbli lill-konvenuti fuq tnejn mill-imsemmija kambjali u senjatament Dok RB6 u Dok RB7 giet preskritta;

5. Tordna r-revoka u t-thassir tal-Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru mahrug kontra l-atturi;

Bl-ispejjez kontrta l-konvenuti jew minn minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fid-9 ta' Frar 2006 u mahlufa fl-istess data minn Stanley Castillo li permezz taghha wiegbu s-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari t-talba attrici ghandha tigi respinta stante li digriet finali taht l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex soggett ghal appell u konsegwentement jikkostitwixxi *res judicata* bejn il-kontendenti. Effettivament, bis-sahha tad-digriet taghha tal-24 ta' Lulju 2005 (Cit. Nru. 638/2005)[kopja ezebita mil-atturi

bhala dok. RB13], dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta diga` cahdet talba tal-atturi Raymond u Claire konjugi Bajada sabiex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-kambjali, u ghalhekk dina l-procedura ma hija xejn ghajr appell irritwu minn tali decizjoni.

2. Illi l-kawza tal-atturi, in kwantu bbazzata fuq vizzju tal-kunsens, hija preskritta ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi-mertu, ma huwiex assolutament minnu li l-kunsens tal-atturi kien ivvizjat b'vjolenza jew b'qerq, u ghalhekk ma hemmx lok sabiex il-kambjali jigu dikjarati nulli u minghajr effett fil-ligi.

4. Illi ma huwiex minnu li l-atturi qatt thallsu jew ippretendew il-hlas ta' imghax b'rata oghola minn dik stabilita mill-ligi, jew li l-kambjali inkorporaw fihom imghaxijiet li jeccedu l-massimu stabbilit mil-ligi. Fil-fatt, il-kwistjoni tal-uzura tqajmet biss f'dawn il-proceduri, tant hu hekk li sahansitra ma ssemmietx meta l-atturi kienu ttantaw iwaqqfu l-ezekuzzjoni tal-kambjali bis-sahha tar-rikors li pprezentaw fl-4 ta' Lulju 2005 fl-atti tal-kawza numru 638/2005 GV.

5. Illi dina l-Qorti hija prekluza milli terga' tirrikunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-atturi f'dina l-kawza peress li dina diga` giet finalment determinata bis-sahha tad-digriet fuq imsemmi tal-24 ta' Lulju 2005 (Cit Nru 638/05 GV).

6. Fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghall-premess, ma huwiex minnu li xi wahda jew izjed mill-kambjali huma preskritti.

7. Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija ma hemmx lok sabiex dina l-Qorti tordna r-revoka u t-thassir tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru ezekuttivi mahruga mill-eccipjenti wara li l-kambjali gew rezi ezekuttivi."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat is-sentenza in parte tat-23 ta' Lulju 2009;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju 2017 fejn il-kawza tħalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti ewlenin tal-kawza, anke kif spjegati fis-sentenza in parte moghtija fit-23 ta' Lulju 2009, huma s-segwenti:-

i. Permezz ta' banker's draft datata 18 ta' April 1995, l-attur issellef minghand il-konvenut is-somma ta' ghaxart elef lira Sterlina (£10,000).

ii. Billi l-attur ma kienx f'qaghda li jhallas lill-imharrek lura minnufih is-somma mitluba, fit-23 ta' Gunju tal-1995, l-atturi ipotekaw id-dar taz-zwieg bl-isem "Claire-De-Lun" fi Triq San Mattew, il-Qrendi, sal-ammont ta' hmistax–il elf u hames mitt lira Maltija (LM15,500), b'att nutarili ta' kostituzzjoni ta' debitu (a` fol 148 u 181).

iii. Fis-sena 1996, il-konvenuti bdew proceduri sabiex id-dar taz-zwieg imsemmija tinbiegh bil-procedura ta' subbasta sabiex jithallsu l-ammont ta' LM16,249.19 (ara fol 178-180).

iv. Fi Frar tal-1996, l-attur hareg cheque pagabbli lill-konvenut fis-somma ta' sittax–il elf u sitta u tletin liri Maltin (LM16,036). Dan kien inhareg biex jibdel iehor li l-attur kien hareg qabel u li ma kienx issarraf. Izda dan it-tieni cheque ukoll ma ssarrafx meta l-konvenut ipprezentah ghall-hlas. Il-konvenut irrapporta lill-attur u l-Pulizija Ezekuttiva hadet passi kontrih fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. B'sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru, 1997 (a` fol 12), l-attur instab hati ta' frodi u gie moghti sentenza ta' prigunerija sospiza ghal erba' snin.

v. Fil-11 ta' Novembru 1999, l-ipoteka gravanti d-dar taz-zwieg tal-atturi giet kancellata b'att pubbliku (fol 19) fejn hemm dikjarat li l-konvenut kien gie "sodisfatt a saldu" wara li l-attur hallas lill-konvenut akkont ta' hamest elef liri Maltin (LM5,000) (ara t-transazzjoni bankarja li bis-sahha taghha l-attur hareg banker's draft a` fol 18).

vi. Dakinhar tal-att ta' kancellament imsemmi, inhargu sitt kambjali mertu ta' din il-kawza ghall-import shih ta' sittax -il elf seba' mija u sitta u sebghin liri Maltin (Lm16,776), u li kellhom jibdew jithallsu kull tliet xhur b'sehh mit-8 ta' Frar, 2000, b'rati ta' tlett elef lira Maltija (LM3,000) kull darba, izda bl-ahhar wahda tkun fl-ammont ta' elf seba' mija u sitta u sebghin lira Maltija (LM1,776) (Dokti RB6 sa RB11 a` fol 20-25 u 73-78).

vii. Permezz ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 253 tal-Kap. 12, datata 15 ta' Gunju 2005 (a` fol 26 u 72) il-konvenuti talbu lill-atturi sabiex ihallsu l-kambjali u bl-imghax li lahaq akkumula, mid-data tal-iskadenza ta' kull wahda minnhom. L-atturi provaw iwaqqfu l-ezekuzzjoni tal-imsemmija ittra ufficjali b'rikors imressaq fl-4 ta' Lulju, 2005 (a` fol 49 u 71). It-talba taghhom ma ntlaqghetx b'digriet moghti fl-24 ta' Lulju, 2005 (a` fol 27 u 83).

viii. Fl-1 ta' Novembru 2005, il-konvenuti ottenew il-hrug ta' Mandat ta' Qbid (a` fol 28) u kif wkoll Mandat ta' Sekwestru kontra l-atturi. Iz-zewg mandati esekuttivi.

ix. Fit-12 ta' Novembru 2005, l-atturi ghamlu rapport lill-Pulizija kontra l-konvenut biex tistharreg ix-xiljiet taghom dwar tehid ta' flus b'uzura (a` fol 29).

x. Erbgha t'ijiem wara r-rapport imsemmi, l-atturi fethu l-kawza odjerna.

xi. L-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti gew determinati permezz ta' sentenza parzjali tat-23 ta' Lulju 2009. Ghalhekk, din il-Qorti diversament presjeduta, fil-waqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tar-res judicata, laqghet it-tieni eccezzjoni u qieset li, "safejn jirrigwarda l-kawzali tat-tieni talba attrici, l-azzjoni attrici waqghet bil-preskrizzjoni tas-sentejn mahsuba fl-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, izda ssib li dik l-eccezzjoni ma tolqotx l-azzjoni attrici fuq il-kawzali l-ohrajn".

xii. Din il-Qorti ghalhekk, sejra issa tistharreg il-kumplament tal-kawzali l-ohrajn li ma gewx hekk milquta mid-decizjoni parzjali fuq imsemmija.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**2.** L-azzjoni kif imfassla ghandha tkun meqjusa fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli 985, 986(2), 987 et seq u l-artikoli 1842 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Identifikati il-punti ta' ligi fil-kawza, il-Qorti mill-ewwel taghmel referenza ghall-esposizzjoni cara ta' dawn l-artikoli fil-gurisprudenza lokali fost ohrajn f'sentenza **tal-Qorti tal-Kummerc per Imhallef Joseph D. Camilleri fl-ismijiet Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg *noe* datata 15 ta' Novembru** 1985 fejn intqal hekk:-

> "*Il-Ligi taghna tpoggi limiti ghalkemm wiehed jista' jzomm imghax u tippreskrivi li kull imghax miftiehem f'izjed mill-massimu ammess minnha ghandu jigi mnaqqas sal-limiti stabbilit. Mhux biss, izda 'kull kuntratt,* ***taht kull isem li jkun,*** *maghmul b'qerq tad-disposizzjoni imsemmija, jista jithassar (is subject to recission) (artikolu 1948 u 1949 tal-Kodici Civili) [illum artikolu 1852 u 1853]. Band' ohra ta' l-istess ligi (arikolu 1185) [illum artikolu 1142] jinghad 'expressis verbis' li l-imghaxijiet fuq imghaxijiet (l'hekk imsejha 'imghaxijiet komposti') ma jistghux jintalbu hlief wara li jkunu skaduti u mill-gurnata ta' talba gjudizzjarja jew b'konvenzjoni posterjuri, purkè, sija fl-ewwel*

*kaz kemm fit-tieni ipotesi, l-imghaxijiet ikunu dovuti ghal zmien ta' mhux anqas minn sena;*

*Il-legislatur patriju kien dejjem gelus li jirreprimi l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'usura hija, ghal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b'mod assolut, jigifieri inesistenti billi illecita ghax projbita mill-ligi (ara fost ohrajn is-sentenzi riportati fil-Volum 32.I.263, 39.I.366, u 45.I.127). L-usura, hi materja 'che appartiene all-ordine pubblico' tant li, anki jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li ghalina hu usura, jekk tigi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni ghall-usura (Vol.30.II.288). Sahansitra fl-azzjoni kambjarja fejn b'ligi espressa (artikolu 253 u 255 tal-Kodici tal-Kummerc) [illum artikolu 197 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc] mhi permessa ebda eccezzjoni kontra l-hlas ta' l-import li jidher fuq wicc il-kambjala, il-Qorti dejjem dahlu biex jindagaw, meta jigu hekk mitluba, jekk il-kambjala kinitx 'imcappsa bl-usura' (Vol.31.I.507)*".

Fis-sentenza **Guzeppi Axisa et vs Mark Belli et datata 24 ta' April 2007 il-Qorti Civili Prim' Awla** kompliet telucida iktar il-principji stabbiliti fil-kaz ta' self b'uzura:-

"*Illi huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa funġibbli li sejra tintuża mid-debitur (Ara, Torrente Manuale di Diritto Privato (9a Ediz), par 228, paġġ. 390-1).*

*F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi;*

*Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid (Art. 1852(1) tal-Kap 16) li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu (Art. 1852(2) tal-Kap 16). Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa;*

*Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex (**App. Ċiv. 7.3.1955 fil-kawża fl-ismijiet Peplow vs Galea** (**Kollez. Vol: XXXIX.i.366**). Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li tista' titħassar (Art. 1853 tal-Kap 16), bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jagħrbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorja;*" (ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2017**:

“*L-użura pero`, ma twassalx għan-nullita` tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li “kull obbligazzjoni għall-ħlas ta’ imgħaxijiet f’izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla <u>għal dak li hu zejjed</u>”. Kwindi, l-użura ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta’ ħlas ta’ imgħax b’rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li “l-imgħax miftiehem f’iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti” ta’ 8%.*

*Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta’ imgħax b’użura ma hijiex obbligazzjoni msejsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta’ self, bħala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax. F’dan il-każ, l-obbligazzjoni infisha għandha causa ġusta – self biex tinxtara proprjeta` – u l-obbligazzjoni marbuta mal-imgħax hija nulla biss għal dak li hu żejjed ’l fuq mir-rata ta’ 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-liġi.*”

**4.** Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom (a` fol 258), il-konvenuti jinsistu li t-talba attrici ghat-thassir tal-kambjali hija aflitta minn ostakolu procedurali fis-sens li “[d]ina l-Qorti ma tista’ qatt tilqa’ t-talba attrici ghat-thassir tal-kambjali ghaliex l-aktar li seta’ jitlob l-attur kien li l-ammont ta’ imghax zejjed jigi imnaqqas.”

**5.** Din il-Qorti ma tarax li t-tielet talba hija afflitta minn dan l-ostaklu procedurali. It-tielet talba hija wahda ‘ad hoc’ u mhux necessarjament

ghandha tintlaqa' jew tigi michuda fuq il-bazi ta' jekk il-kambjali humiex jew le milquta minn uzura adoperata kontra l-atturi. Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma, li jekk tiskopri li fil-kaz in ezami l-kambjali huma hekk tassew milquta, hija ghandha *se mai* tilqa' t-talba limitatament ghall-ammont li hu hekk milqut u certament mhux tichadha in toto kif bhal donnhom qed jippretendu l-knvenuti. Jekk il-Qorti taghti anqas minn dak li qed jintalab ma tkun qeghda tirreka ebda pregudizzju materjali lill-konvenut ghaliex wara kollox "il piu' comprende il meno" u "qui peut le plus, peut le moins".

**6.** Fir-rigward ta' hazen ipprattikat f'cirkostanzi simili, issir referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Alfredo Tonna vs Kapt. Anthony Lawrence Bartolo datata 2 ta' Marzu 1942 (Vol XXXI.I.507)**:

> *"Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati, mhux biss lokali imma anki kontenentali u Inglizi, illi meta hemm din l-eccezzjoni tad-"dolo" l-Qorti ghandha tinvestiha, u ma tistax thalliha da parti... Infatti, jekk isir hekk, jista' jaghti l-kaz illi, jekk l-"exceptio doli" tkun pruvata, il-Qorti indirettament tkun qieghda tghin lil min ma jisthoqqlux dik l-ghajnuna mhabba d-"dolo" tieghu. F'dawn il-kazi huma applikabbli z-zewg principji tad-Dritt illi "natura aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" (L. 14. Dig. XII. 6) u "malitiis non est indulgendum" (L. 38 Dig. VI. 1), li huwa principju ta' moralitá li ghandu jkollu l-applikazzjoni tieghu guridika ghar-ragunijiet fuq imsemmijin;*
>
> *... …*

*Illi ghalhekk huwa mehtieg illi jkun ezaminat jekk meta saret din il-kambjali sarx xi zball ta' kalkolu..., jew anke jekk ma sarx zball, id-debitur, peress li kellu interess li jiehu zmien u ssir kambjali ohra, ma qaghadx jezamina partitament u bl-ezatezza kollha s-somma bilancjali kemm kellha tkun, u allura wiehed jaqa' fil-materja ta' l-uzura; ghaliex m'humiex rari l-kazijiet meta debitur, biex jiehdu zmien minn ghand il-kreditur taghhom, jaccettaw ammonti ezagerati, li jkunu qeghdin jghattu ammonti ta' uzura projbita mill-ligi. U anki fuq dan il-pont il-Qorti, li ghandha dejjem f'dawn il-kazi toqghod wisq attenta jekk hemmx xi somma ta' uzura moghtija xi isem iehor, ghandha tipprocedi ghall-ezami tal-kwistjoni involuta".*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**7.** Fid-dawl ta' dan kollu, il-konsiderazzjonijiet li trid taghmel mar-rabta ta' drittijiet in ezami, jesigu li din il-Qorti taghmel ezami dupplici. Dan ifisser li l-ewwel ma ghandu jkun determinat l-ammont tas-somma mislufa, sabiex wara tigi mistharga l-kwistjoni tal-allegata usura. Ghalhekk irid ikun skopert x'kienu l-interessi dovuti bil-ligi fuq il-kapital hekk misluf, u jekk bil-pagament akkont li gie affettwat mill-attur Raymond Bajada, kienx ghad fadal xi bilanc dovut lill-konvenuti konjugi Castillo.

**8.** Huwa fatt inkontestat, li l-konvenut Stanley Castillo ghadda ammont ta' flus lill-attur Raymond Bajada bl-intiza li dak l-ammont jintradd lura. Ifisser, li r-rabta legali li originarjament kienet tesisti bejn iz-zewg partijiet

kienet wahda ta' self ghall-konsum *brevi manu* ai termini tal-artikolu 1842 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**9.** L-attur isostni, li huwa kien originarjament issellef minghand il-konvenut is-somma ta' ghaxart' elef Sterlina Ingliza (£10,000) permezz ta' bank draft datat 18 t'April 1995 (a` fol 9 tal-process u ara wkoll affidavit a` fol 61). Huwa jghid li l-ammonti li ssellef *ex ante* din l-okkazzjoni hallashom kollha lura lill-konvenut b'zieda ta' imghax ta' 20% fuq l-ammont (ara xhieda a` fol 114).

**10.** Min-naha tieghu, l-konvenut fl-affidavit tieghu (a` fol 173A) jinnega li qatt zamm rata ta' imghax oghla minn dik stabbilita mil-ligi u jinnega wkoll li l-ammonti l-ohra li l-attur issellef minghandu kienu kollha thallsu sa dak inhar li ghaddielu c-cekk ta' £10,000. L-attur prezenta mal-istess affidavit kopja ta' erba' cekkijiet ammontanti ghal LM10,200 (a` fol 176) u fil-paragrafu 8 tal-affidavit imsemmi jispjega li "s-somma li stajt nitlob ghaliha fil-mument li gie ffirmat il-kuntratt quddiem in-Nutar John Spiteri kienet dik murija fuq ic-cheques li ghaddejtlu (ovvjament <u>wara tnaqqis ta' xi pagamenti li seta' ghamel sadanittant)</u>."

**11.** B'kuntrast ma' dan, il-konvenut, in kontro-ezami jsostni, li l-attur ma hallsu xejn mill-ammont ta' LM10,200 misluf lilu permezz ta' dawk l-erba' cekkijiet (a` fol 203). Di fatti fin-nota taghhom (a` fol 252), il-konvenuti

jissottomettu, li l-fatt li l-attur naqas milli jipproduci ricevuti u lanqas irnexxielu b'xi mod jikkorabora dak kontez minnu, ghandu jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-attur ma hallasx lura s-somma ta' LM10,200 mislufa lilu qabel l-ammont ta' £10,000.

**12.** F'dan l-istadju huwa xieraq li din il-Qorti tirreferi ghal dawk il-principji li jirregolaw il-prova tal-pagament kif senjalati mill-**Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza Johann Schembri pro et noe vs Charlot Mifsud datata 19 ta' Ottubru 2005**:-

*"(1) Huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b' mod konvincenti u konklusiv. Ara "**Joe Chetcuti et -vs- Joseph Pearson et nomine**", **Appell, 5 ta' Ottubru 1998;***

*(2) Huwa mbaghad pacifikament maghruf illi "l-pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant" - "**Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard et**", **Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Frar 1959;***

*(3) Hu wkoll generalment accettat, illi f' kaz ta' dubju riferibilment ghall-pagament dan kellu jkun rizolt favur l-attur-kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru fuq imsemmi. Vide "**Angelo Scicluna -vs- John Scerri**", **Qorti tal-***

> ***Kummerc, 30 ta' Mejju 1951, konfermata in sede Appell fid-19 ta' Novembru 1951;"***

**13.** Dan ifisser, li filwaqt li ma hemm ebda dubbju proceduralment li l-piz ta' prova tal-pagament tistrieh fuq spallet id-debitur u li produzzjoni ta' ricevuta li tindika l-hlas hija l-ahjar prova li jista' jkollu debitur biex jipprova li dan il-hlas sar, huwa daqstant iehor indubbitat, li pagament jista' jigi pruvat b'mezzi ohra kif intqal iktar il-fuq.

**14.** Fid-dawl tal-provi li jmergu minn din il-kawza, din il-Qorti ma tistax ma turix it-thassib taghha ghall-komportament tal-konvenut. Dan jinghad fid-dawl ta' dak li jghid in kontro ezami (a` fol 201) u l-kontradizzjoni li tohrog minnu, meta dan jitqabbel mal-affidavit tieghu (a` fol 174) fir-rigward ta' jekk gietx rifuza o meno s-somma ta' LM10,200.

**15.** Fl-affidavit tieghu l-konvenut jistqarr, li l-attur affettwa "xi pagamenti" bhala rifuzjoni tal-imsemmi ammont misluf ta' LM10,200 minghajr ma semma pero` l-ammont ta' dawk il-pagamenti. Mentri in kontro-ezami, jsostni li ma saru l-ebda pagamenti. Di piu` l-konvenut ma offra ebda spjegazzjoni ta' kif wasal ghall-ammont ta' LM15,5000 indikat bhala self fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (a` fol 148). Minflok, ipprovda spjegazzjoni cara, prova iktar min darba jahrab mill-mistoqsijiet li sarulu u kien evaziv fit-twegibiet tieghu. Fost dawn l-istanzi insibu s-segwenti:-

**"Dr. William Cuschieri:** Wegibni fuq din id-domanda. Fuq tal-kuntratt ta' John Spiteri, cara t-twegiba tieghek. Jiena rrid inkun naf ukoll car jekk li qed tghid inti huwa li qed tghid li fuq dawn ic-cekkijiet, Ray Bajada, lilek ma hallsekx.

**Konvenut:** Jiena minn dak in-nhar il-quddiem nista' nghidlek. Tan-Nutar Spiteri ghax imbghad once li ftehmna, il-passat kien passat...

**Dr. William Cuschieri:** M'hemm problema, twegiba ezatta sur Castillo. Jekk hu Ray Bajada kellu diga jtik LM10,000, allura mbaghad tajtu 10,000 sterlina ohra qed tghidilna?

**Konvenut:** Ghaliex le?

**Qorti:** Hekk gara?

**Konvenut:** Iva. Infatti l-ghada harigli cekk mill-Mid Med Bank, il-Hamrun fuq Ray Clarke Trading Ageny. Kumpannija li l-kont kien maghluq. Cekk ta' 16,036 xi haga hekk.

**Dr. William Cuschieri:** Dak wara li qed tghid inti gara. Igifieri ghall-mistoqsija tieghi li ghalkemm kien bid-djun mieghek ta' LM10,000, inti xorta ttih krettu u tajtu 10,000 sterlina ohra u qed thgidilna iva.

**Konvenut:** Iva

**Dr. William Cuschieri:** Jien bhala fatt nixtieq nissuggerilek, li Ray Bajada kien qed jaghmillek pagamenti u kien fil-fatt li kien qed jaghmillek dawn il-pagamenti illi inti tajtu 10,000 sterlina barra minn dawk l-ammonti li jidhru fic-cekkijiet.

**Konvenut:** Ma niftakarx. Jiena li nista' nghidlek, meta gie n-Nutar Spiteri, ftehmna fuq ammont biex jien nirpillja l-flus. U konnha ghamilna ipotetika fuq il-post tieghu

**Qorti:** Mhux dik il-mistoqsija, Sur Castillo! Il-mistoqsija li ghamillek l-Avukat, jekk ma jimpurtax u forsi tista' twiegeb ukoll ghaliha hija jekk meta ghamilt il-pagamenti bic-cekk, ma kien hallsek xejn, x'kien li jwasslek li xorta taghmillu hlas iehor b'denominazzjoni Sterlina aktar tard. Dik il-mistoqsija kienet.

**Konvenut**: Ghandi klijenti li ghandhom iktar minn hekk".

**16.** Dan in-nuqqas ta' kjarezza da parti tal-konvenut biex jispjega sewwasew kif wasal ghal bilanc ta' self ammontanti fi LM15,500 imsemmija fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, jirrifletti hazin fuq il-kredibbilità tieghu u jimillita favur it-tezi tal-attur kif spjegata fl-affidavit (a` fol 61) u sostnuta fix-xhieda tieghu (a` fol 112).

**17.** Din il-Qorti tkompli tikkonferma l-inattendibilitá tax-xhieda tal-konvenut min-nota ta' sottomissjonijet prezentata minnu stess. Jaghmel tentattiv biex isahhah il-kredibilitá tieghu u jcajpar dik tal-attur u huh, billi rrileva fatti li ma humiex riflessi fl-atti tal-kawza.

**18.** Minn imkien ma jirrisulta dak li ghidu l-konvenuti (a` fol 251), li f'xi hin l-attur Raymond Bajada, fix-xhieda tieghu tal-10 ta' Novembru 2009, semma' li s-somma ta' £10,000 tekwivali ghal LM8,000. Anzi l-attur dejjem sostna kemm fl-affidavit tieghu (a` fol 61 , para 3) u anke fix-xhieda msemmija tal-10

ta' Novembru 2009 (a` fol 117) li "*...meta l-ghaxar t'elef sterlina dak iz-zmien kont taqlibhom bil-1.72 kienu jigu hames t'elef tmin mija u xi haga...*".

**19.** Lanqas ma jirrizulta dak li intqal fil-punt numru 4.2 a` fol 255 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (a` fol 25) peress li ma jirrisulta minn imkien li l-attur Raymond Bajada "*ikkonferma in kontroezami li kien l-ammont imsemmi fuq il-kuntratt pubblikat min-Nutar John Spiteri li huwa kien effettivament qieghed jikkontesta*". Fil-kontro-ezami msemmi (a` fol 135), Raymond Bajada kkonferma li dak li kien qed jikkontesta huwa l-ammonti ta' imghax li l-konvenut Stanley Castillo qed jitlob fuq l-ammont ta' £10,000 misluf.

**20.** L-anqas ma jirrizulta dak sottomess mill-konvenuti bi kliem emfasizzat u sottolineat fil-punt numru 6.2 (a` fol 257) tan-nota taghhom. Monsinjur Bajada, hu l-attur, fix-xhieda tieghu (a` fol 151), imkien ma qal li ntqal xi diskors quddiem mart Raymond Bajada, filwaqt li Raymond Bajada fix-xhieda tieghu mkien ma "xehed ripetutament li huwa ma kien qal lil hadd dwar l-allegata uzura sa wara l-konkluzjoni tal-proceduri ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali". Anzi mix-xhieda tieghu (a` fol 122) jirrizulta, li l-attur Raymond Bajada qal li kellu jitkellem ma' martu, huh u ma l-avukat Dr. Leonard Micallef. Dan wara li l-konvenut Stanley Castillo rrapurtah lill-Pulizija u bdew l-proceduri penali kontra tieghu, igifieri ferm qabel ma gew iffirmati l-kambjali mertu tal-proceduri odjerni.

**21.** A` propositu tax-xhieda ta' Monsinjur Joseph Bajjada hu l-attur, irid ukoll jinghad is-segwenti. Dan ix-xhud jirrakonta x'ghadda bejnu u bejn il-konvenut meta ltaqghu. Jirrakonta kif irrimprovera lill-konvenut talli kien qieghed jesigi 20% imghaxijiet ghaliex l-uzura ma kienitx permessibbli. Dan ix-xhud ghid li r-rejazzjoni tal-konvenut kienet billi fost ohrajn wiegbu "...anzi bl-20% u mhux bil-25% jew bil-50%...." (a` fol 153).

**22.** Il-konvenut , fl-affidavit tieghu, jichad li qatt iltaqa' ma' Monsinjur Bajjada (a` fol 174). F'dan l-istadju din l-Qorti trid tinsenjala, li l-konvenut, permezz ta' rikors presentat fit-2 ta' Lulju 2010 (a` fol 190), ghamel tentattiv biex jisfilza x-xhieda ta' Monsinjur Bajjada stante li ma kienx xhud iddikjarat fil-lista ta' xhieda annessa mar-Rikors Guramentat. B'dana kollu permezz ta' digriet tat-28 ta' Settembru 2010, il-Qorti cahditlu t-talba.

**23.** Din il-Qorti tifhem sewwa ghaliex il-Qorti cahditlu t-talba u tifhem ukoll, ghaliex il-konvenut ried li tkun sfilzata x-xhieda ta' dan ix-xhud. Tifhem ukoll ghaliex meta sar il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud fis-seduta tat-2 ta' Frar 2010, ma saritlu ebda mistoqsija fuq dan il-punt partikulari. Ma kienx fl-interess tal-konvenut li dan il-punt jkun immartellat. Kieku tassew ried jaghti kredenza lill-versjoni tieghu, kien ikun ahjar ghalih li jitlob lill-Qorti tordna

konfront ma' dan ix-xhud milli jipprova jisfilza x-xhieda tieghu. Ghalhekk f'dan ir-rigward, il-Qorti temmen lill-Monsinjur Joseph Bajada izda mhux lill-konvenut.

Kif gie sostnut mill-**Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza Conrad Gatt et vs George Xuereb et moghtija fl-14 ta' Frar 2017:-**

"*Illi dwar l-aspett ta' kif il-Qorti tqis min għandu jitwemmen, il-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (Ara per eżempju* ***P.A. N.C. 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet Frank Giordmaina Mediċi et vs William Rizzo et)****. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas;*

*Illi min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (****App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismjiet Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe).*** *Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex*

*tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (**App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et);***

*Illi f'dan il-kaz, dawn il-prinċipji jridu jinqraw u jinftehmu fil-kuntest tal-pożizzjoni legali tal-atturi kontra d-dikjarazzjoni miktuba tagħhom, fejn tiġi fuq quddiem ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid li ma tistax tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola contra scriptum testimonium non scriptum non fertur tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji (Ara, per eżempju, **App. Ċiv. 28.2.1997 fil-kawża fl-ismijiet Grech Sant noe vs Farruġia noe et (Kollez. Vol: LXXXI.ii.394**); **P.A. 11.5.1988 fil-kawża fl-ismijiet Privitera noe vs Galea noe (Kollez. Vol: LXXII.iv.775); App. Ċiv. 30.1.1967 fil-kawża fl-ismijiet Żammit et vs Żammit et (Kollez. Vol: LI.i.61) u App. Kumm. 28.10.1960 fil-kawża fl-ismijiet Lungaro Mifsud noe vs Polidano (Kollez. Vol: XLIV.i.267).** Tant hu hekk, li dwar tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) il-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) il-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba (**P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismjiet General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et**); u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt*

*hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali (**App. Ċiv. 6.6.1955 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Cuschieri noe (Kollez. Vol: XXXIX..i.221)** u l-għadd ta' riferenzi li hemm imsemmija). Fl-aħħarnett, dwar dan il-punt, huwa stabilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku – f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni ta' dejn aċċettat – ikun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-Qorti m'għandhiex tirrikorri għal provi barranija mill-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku (**P.A. 9.6.1964 fil-kawża fl-ismijiet Formosa vs Camilleri et (Kollez. Vol: XLVIII.ii.1022);***

*Illi r-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim; (ii) il-ftehim ikun simulat; (iii) il-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) iqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ppruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta, flimkien mal-ftehim miktub, ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu (**Ara P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Amante Caruana vs Saveria Bonniċi)**.*"

**24.** Fuq stregwa ta' dawn il-principji u taghlim gurisprudenzjali, din il-Qorti hija moralment konvinta  li l-verzjoni moghtija mill-attur Raymond Bajada fl-affidavit u x-xhieda tieghu (a` fol 61 u 112) u huh Monsinjur Joseph Bajada (a` fol 151) hija iktar verosimili ta' dak li tassew gara mill-versjoni moghtija

mill-konvenut Stanley Castillo fl-affidavit u l-kontro-ezami tieghu (a` fol 174 u 201).

**25.** Fid-dawl tal-apprezzament tax-xhieda imsemmija, l-Qorti ghandha ghalfejn serenament tikkonkludi, li s-somma ta' LM15,500 li fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 23 ta' Gunju 1995 (a` fol 148), l-attur Raymond Bajada accetta f'ismu proprio u f'isem u fl-interess tal-kumpanija Bajada Commercial Trading Limited u ta' martu l-attrici Claire Bajada b'titolu ta' self versu l-kredituri konvenuti, ma jirriflettix l-ammont realment versat mill-konvenuti, izda gie mizjud fittizjament biex jimmaskera uzura fuq dawk il-£10,000 li l-attur kien issellef mill-konvenut fit-18 t'April 1995.

**26.** Din il-Qorti issib stramb ghall-ahhar l-att pubbliku datat 11 ta' Novembru 1999 fl-atti tan-nutar Mario Bugeja (a` fol 19). Bis-sahha ta' dan l-att, il-konvenuti accettaw li jikkancellaw l-ipoteka specjali iskritta fuq il-fond Claire de Lune, gia' Peter, Triq San Mattew, Qrendi, liema ipoteka kienet qed tiggarantilhom il-hlas lura tas-self fl-ammont ta' Lm15,500 wara li l-istess attur kien ikkostitwixxa ruhu debitur favurhom f'dan l-ammont. Bis-sahha ta' dan l-att tal-11 ta' Novembru 1999, il-konvenuti qua kredituri, taw il-kunsens taghhom ghall-"kancellament totali" tal-ipoteka msemmija. Ir-raguni moghtija "peress li sodisfatt a saldu". Din id-dikjarazzjoni hija indikazzjoni cara li l-ammont ikkawtelat bl-ipoteka specjali imsemmija bil-fors li ma kienx ghadu dovut.

**27.** B'dana kollu, proprju fl-istess gurnata tal-att imsemmi, gew iffirmati l-kambjali mertu ta' din il-kawza (a` fol 20 sa 25). Dawn gew iffirmati qabel mhux biss meta saret id-dikjarazzjoni fl-att pubbliku fuq imsemmi, izda sahansitra meta l-istess konvenuti abbandunaw l-ahjar garanzija li seta' kellhom ghal kull ammont li seta' kien ghadu dovut. Il-Qorti ma temminx li dak li ghamlu l-konvenuti fl-att imsemmi kien imnissel mill-valuri etici tal-karita` jew filantropija. Huwa inverosimili hafna, li fl-istess jum tal-kancellament tal-garanziji rejali kif fuq inghad, il-konvenuti sellfu l-ammont mertu tal-kambjali fuq imsemmija.

Izda f'dan ir-rigward, tajjeb li jkun innotat ukoll dak li xehed il-konvenut fuq dan il-punt partikulari. Hu ghid hekk:-

> "Jiena kont accettajt li jnehhi l-ipoteka ghaliex Bajada ta pagament ta' LM5000 u offra li l-bilanc jigi kopert b'kambjali. Kieku zgur li ma kontx innehhilu l-ipoteka" (affidavit a` fol 175).

**28.** Bir-rispett kollu lejn il-konvenut, fil-kuntratt ta' kancellament tal-ipoteka inkwistjoni, gie dikjarat il-kuntrarju, li ma kien fadal xejn x'jithallas b'mod partikulari, meta l-kambjali gew iffirmati **qabel** il-kuntratt ta' kancellament u mhux wara. Dan il-kuntratt ma kienx biss kancellament ta' ipoteka izda l-estinzjoni ta' debitu, tant li l-istess konvenut accetta li kien "sodisfatt ghas-saldu". Kieku veru kif qal hu, zgur li kien jinserixxi xi tip ta' riserva kwantu

ghal kull bilanc li seta' kien fadal. Dawn huma kollha cirkostanzi, li jitfghu dawl dwar liema mill-verzjonijiet tal-partijiet hija l-aktar wahda verosimili u kredibbli.

**29.** Jirrizulta b'mod car mill-atti tal-kawza, li ma sar ebda self iehor mill-konvenuti lill-atturi wara d-data tal-kostituzzjoni ta' debitu fuq imsemmi. Jsegwi ghalhekk, li l-kambjali ffirmati fl-istess jum tal-att ta' kancellament huma l-frott ta' obbligazzjoni minghajr kawza jew falza. Ghalhekk dawn il-kambjali ma jista jkollhom ebda effett ai termini tal-artikolu 987 tal-Kap. 16. Dan l-artiklu jistipula b'mod li l-obbligazzjoni minghajr kawza jew falza m'ghandha ebda effett fil-ligi. Dawn il-kambjali huma travestiment legali, ghaliex is-sors tar-raguni rejali li krejathom kienet li jsiru bi ksur ta' dak li jrid l-artiklu 986(2) tal-Kodici Civili. Ghalhekk, kif intqal aktar 'l fuq, dawn il-kambjali huma imcappsa b'uzura (Ara ukoll decizjoni **tal-Qorti Civili Prim Awla per Imhallef Lino Farrugia Sacco fl-ismijiet Giovanni Briffa -vs- Ronald Azzopardi tal-5 ta' Frar 2008 ).**

**30.** Dak li qed jinghad ghall-kambjali jghodd ukoll ghall-kostituzzjoni ta' debitu. Din il-kostituzzjoni ta' debitu xxedd il-libsa ta' mutwu biex tigi mohbija uzura, fuq l-ammont ta' LM10,000 , li kien orginalment u rejalment misluf. Il-Qorti tinnota li l-attur, fl-affidavit u x-xhieda tieghu jistqarr u jammetti li, irrispettivament mill-imghax, ghad baqa' bilanc xi jhallas lill-konvenut mis-somma msemmija. L-attur ighid dan, indipendentement mid-dikjarazzjon illi

ghamlu l-konvenuti fl-att ta' kancellament datata 11 ta' Novembru 1999 kif fuq inghad.

**31.** Jekk hemm xi ammont li ghadu dovut lill-konvenuti ma jispettax lil din il-Qorti li tindika dan l-ammont. Semmai, huwa fl-interess tal-konvenuti, li jipprocedu bl-azzjoni apposita biex jigi stabbilit dan l-ammont hux dovut skont il-ligi u kemm huwa dan l-ammont. Li jinteressa lil din il-Qorti huwa, jekk il-kambjali imsemmija fil-kawza humiex effetti minn uzura. Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq spjegati hija tal-konvinciment kemm legali u kif ukoll morali, li l-ammonti msemmija fil-gran parti taghhom ma humiex kapital ta' xi ammonti dovuti, izda addirittura uzura.

**32.** Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq, ma hemmx lok li din tinvesti r-raba' talba, galadarba l-kambjali m'ghandhom ebda effett fil-ligi ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Kwantu ghall-Mandati imsemmija fil-hames talba attrici, ma jirrisultax lil din il-Qorti li hemm xi Mandat iehor hlief dak ta' Qbid bin-numru 1693/05JB.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti minghajr hsara ghal dawk diga` decizi fil-mori ta' din il-kawza;

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici;

**Kwantu ghat-tieni talba attrici**, din giet deciza bis-sentenza parzjali ta' din il-Qorti tat-23 ta' Lulju 2009;

**Tilqa'** it-tielet talba attrici;

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici ghar-ragunijiet fuq spjegati;

**Tilqa'** il-hames talba attrici, u tordna r-revoka u thassir tal-Mandat ta' Qbid numru 1693/05JB.

**Spejjes** tal-kawza ghandhom jithallsu kwantu ghall-tlett kwarti ($^3/_4$) mill-konvenuti u kwantu ghar-rimanenti kwart ($^1/_4$) mill-atturi.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**